MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2011

Numru. 1013/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR ANNA MARIE MICALLEF**
**VS**
**HENRY ANTHONY XUEREB**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Henry Anthony Xuereb ta’ 69 sena bin Walter u Winifred nee’ Gatt imwieled r-Rabat fl-1 ta’ Settembru 1941 residenti gewwa No. 26, Macen Court, Flat 10, Triq Gorg Borg, Sliema detentur ta’ karta tal-identita’ numru 568541M

Akkuzat talli:

B’diversi atti maghmula minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, fix-xahar t’Ottubru 2008 u

fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer u cioe gewwa tas-Sliema;

1) Appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra mis-somma ta’ aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu ( €232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu( €2,329.37) liema soma giet fdata jew kunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u liema soma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, ammiinstrazzjoni , kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depositu necessarju u dang had-detriment ta’Larisa Ivanova, Natalia Kuliapina, Charlie Borg, u Maria Rosaria Borg ;

2) Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok u cirkustanzi, bi hsara ta’ haddiehor; u cioe ta’ Larisa Ivanova, Natalia Kuliapina, Charlie Borg, u Maria Rosaria Borg, ghamel qliegh iehor b’qerq, mhux msemmi fl-Artikoli 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikundanna lill akkuzat ghal hlas ta’spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri skond l-Artikolu 533 tal-Kap tal-Ligijiet ta’Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti l-atti kollha tal-kaz.

Rat ic-certifkat tal-mewt tal-imputat esebit fl-29 ta’ Novembru 2011.

Ikkunsidrat:-

Illi in vista tal-fatt illi l-imputat miet fil-mori tal-kawza kif jirrizulta minn Dok AM certfikat tal-mewt esebit mill-prosekuzzjoni, din il-Qorti, skond il-Ligi, tiddikjara procediment estint.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------